MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1477/2003

**Atlas Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta estera AXA Insurance plc kif surrogati fid-driittijiet tal-assigurat taghha Zachary Limited abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-Ligi u b'nota pprezentata fit-3 ta' Mejju 2004, is-socjeta' Atlas Insurance Limited assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta Atlas Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance plc**

**vs**

**John Ripard & Son (Shipping) Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Lulju, 2003, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u erbgha u disghin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm494.68) rappresentanti l-valur tal-hsarat fil-merkanzija appartenenti lill-assigurat tas-socjeta attrici Zachary Limited u ghall-ispejjez relattivi tas-survey, liema konsenja wasslet Malta fuq il-bastiment MV Bulpride fis-17 ta' Frar 2003, liema danni diga' thallsu mis-socjeta agttrici ai termini tal-polza relattiva, ghal liema danni is-socjeta konvenuta hija unikament responsabbli.

Bl-ispejjez, u bl-imghax mid-9 ta' April 2003 kontra s-socjeta konvenuta, ingunta in subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta ipprezentata fl-14 ta' Awissu 2003 fejn hija ecceppiet;
1. Illi primarjament is-socjeta attrici Atlas Insurance Agency Limited ma ghandha l-ebda konnessjoni guridika mas-socjeta konvenuta.
2. Illi in linea preliminari ukoll, is-socjeta konvenuta qatt ma aggixxiet bhala agent tal-bastiment SS Bulpride, u agixxiet bhala agent ta' CFG Overseas S.R.L..
3. Illi ghaldaqstant ghandha tigi kjamata fil-kawza s-socjeta W.Parnis England Ltd bhala agent ta' Bulcon li huma il-carriers fil-kawza *de quo*.
4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta konvenuta tichad kwalunkwe responsabbilta' dwar danni fuq il-merkanzija in kwistjoni peress illi mill-*bill of lading* jidher car li r-responsabbilta ghal merkanzija danneggjata minhabba difett fil-*container* hija dik tal-konsenjatur.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' Brian Valenzia in rappresentanza tas-socjeta attrici, ta' John Schiavone, u ta' Michael Buttigieg in rappresentanza tas-socjeta konvenuta.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ikkunsidra,

**L-ewwel eccezzjoni**.

Illi is-socjeta konvenuta qieghda teccepixxi illi hija ma ghandha l-ebda konnessjoni guridika mas-socjeta attrici. Illi t-Tribunal jaghmel referenza ghax-xhieda ta' Brian Valenzia li xehed in rappresentanza tas-socjeta attrici u senjatament ghad-Dokument BV1 ipprezentat minnu fil-kors tax-xhieda tieghu u ghalhekk fid-dawl ta' din is-*subrogation form* iffirmat mill-assikurat tas-socjeta attrici u cioe' minn Zachary Limited wara li sar il-hlas relattv abbazi tal-polza ta'l-assikurazzjoni, is-socjeta attrici giet surrogata fid-drittijiet kollha spettanti lis-socjeta Zachary Limited u kwindi akkwistat il-jedd skond il-ligi sabiex hija tkun tista tintavola l-proceduri odjerni. Ghaldaqstant l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta attrici qed tigi michuda.

**It-tieni eccezzjoni**

Illi socjeta konvenuta qieghda teccepixxi inoltre illi hija qatt ma aggixxiet bhala agent tal-bastiment SS Bulpride, izda bhala agent tas-socjeta estera CFG Overseas u konsegwentement ghandha tigi kjamata fil-kawza s-socjeta W Parnis England Limited bhal agent tal-Bulcon li huma il-carriers. Illi ghandu jinghad qabel xejn illi kien fl-interess tas-socjeta konvenuta illi titlob il-kjamata fil-kawza tas-socjeta W.Parnis England u dana peress illi hija qieghda tikkontendi illi din is-socjeta hija responsabbli ghad-danni subiti u mhux hi, izda dana qatt ma ghamlitu u inoltre lanqas biss ressqet bhala xhieda lir-rappresentanti tas-socjeta W Parnis England in sostenn ta'l-eccezzjoni sollevata minnha. Illi ghalhekk ghajr ghax-xhieda ta' Michael Buttigieg ma jirrizultax illi hemm provi sufficjenti in sostenn ta' din l-eccezzjoni u kwindi qed tigi respinta.

**L-eccezzjoni fil-mertu**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi s-socjeta Zachary Limited kienet ser timporta merkanzija mill-Italja konsistenti f'xi ghagin tal-marka Agnesi. Illi ghar-rigward tat-trasport ta' din il-merkanzija hija halliet f'idejn l-esportatur u cioe' is-

*supplier* li min-naha tieghu inkariga lis-socjeta konvenuta sabiex tiehu hsieb it-trasport ta'l-istess. L-imsemmija socjeta konvenuta hija rapprsentata gewwa l-Italja mis-socjeta CFG Overseas.

Minn dan jirrizulta ghalhekk illi s-socjeta Zachary Limited kellha relazzjoni guridika mas-socjeta konvenuta ghar-rigward tat-trasport tal-merkanijza u dana peress illi kienet l-istess socjeta konvenuta li kellha tiehu hsieb illi l-merkanzija titwassal Malta. Sabiex taghmel dan is-socjeta konvenuta min-naha taghha tinkariga lil W Parnis England li hija rappresentanta gewwa l-Italja mis-socjeta Castaldi agent tal-Bulcon u dana sabiex jigi ipprovdut il-*container*. Il-merkanijza titghabba fil-container mis-supplier.

Illi meta il-merkanizja wasslet Malta irrizulta illi l-*container* kien fih xi toqob u b'konsegwenza ta' dan, parti mill-merkanzija ixxarrbet.

Illi ghalhekk mill-provi jidher car illi kienet is-socjeta konvenuta li kienet responsabbli ghat-trasport tal-merkanijza u ghalhekk kien jinkombi fuqha ill tara illi dan qieghed isir kif suppost billi jigi ipprovdut il-*container* appozitu sabiex isir l-istess. Jekk l-persuni inkarigati minnhom ipprovdew *container* imtaqqab, certament ma ghandhomx jahtu ta'l-istess l-assikurati tas-socjeta attrici, izda iridu iwiegbu ghal dan s-socjeta konvenuta. Il-ftehim li sar bejn is-socjeta konvenuta u s-socjeta W Parnis England, huwa *res inter alios acta* u is-socjeta Zachary Limited ma hijiex parti mill-istess. Il-ftehim li s-socjeta Zachary Limited ghamlet kien biss mas-socjeta konvenuta li kellha tiehu hsieb hi t-trasport tal-merkanzija. Il-mezz ta' kif kienet ser taghmel dan kien unikament responsabbilta taghha.

Illi jirrizulta illi ma hemmx kontestazzjoni dwar il-quantum tad-danni u fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub mis-socjeta attrici jidher li huwa gustifikat.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta konvenut, jilqa t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas

lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u erbgha u disghin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm494.68), bl-imghaxijiet legali mid-9 ta' April 2003 u dana b'riserva ghal kwalunkwe azzjoni spettanti lis-socjeta konvenuta skond il-ligi.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------